# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2017 – Kaane American International Tobacco vs EUIPO – Global Tobacco (GOLD MONT ORIGINAL Super Slims)**

**(Kawża T-292/16)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Skadenza tat-trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea GOLD MOUNT — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2018/C 063/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kaane American International Tobacco Co. FZE, li kienet Kaane American International Tobacco Co. Ltd. (Jebel Ali, l-Emirati Gharab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hinarejos Mulliez u I. Valdelomar Serrano, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Global Tobacco FZCO (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hussey, solicitor u B. Brandreth, barrister)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 (Każ R 2492/2014-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Kaane American International Tobacco u Global Tobacco.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

([1]) ĠU C 279, 1.8.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2017 – Kaane American International Tobacco vs EUIPO – Global Tobacco (GOLD MONT)**

**(Kawża T-293/16)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Revoka tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti GOLD MOUNT — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2018/C 063/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kaane American International Tobacco Co. Ltd. FZE, li kienet Kaane American International Tobacco Co. Ltd. (Jebel Ali, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hinarejos Mulliez u I. Valdelomar Serrano, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. O'Neill, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Global Tobacco FZCO (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hussey, solicitor u B. Brandreth, barrister)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 (Każ R 2699/2014-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kaane American International Tobacco u Global Tobacco.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

(1) ĠU C 279, 1.8.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 – Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik vs EUIPO (Национальный Продукт)**

**(Kawża T-246/17)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Национальный Продукт — Ksur tar-rekwiżiti formali — Artikolu 177(1)(d) u (e) tar-Regoli tal-Proċedura — Inammissibbiltà manifesta")***

(2018/C 063/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik GmbH (Bühl, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Lingenfelser, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Frar 2017 (Każ R 1017/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv Национальный Продукт bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 195, 19.6.2017.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017 – Medora Therapeutics vs EUIPO – Biohealth Italia (LITHOREN)**

**(Kawża T-776/17)**

(2018/C 063/18)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Medora Therapeutics LTD (Halandri, il-Greċja) (rappreżentant: S. Santos Rodríguez, avukat)